**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IL-ĦAMES KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 43 - IT-TLIETA 11 TA' NOVEMBRU 2008**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-8:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Is-Sra Speranza Xuereb | Viċi sindku |
| | Is-Sur Victor Agius | Kunsillier |
| | Is-Sra Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Is-Sur Salvu Sciberras | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Assenti: | Is-Sur Joseph Catania | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Fuq proposta tal-Kunsillier Sciberras kien hemm qbil li jinqatgħu il-kliem '*jħallas għal rigal għas-*' mill-aħħar sentenza tal-para. 2.3 u minflok jiddaħħlu l-kliem '*jagħti tifkira lis-*'.

1.2. Il-Kunsillier Sciberras ippropona li l-aħħar sentenza ta' para 11.6, għandha tinbidel biex taqra '*Il-Kunsill fehem din il-problema u żamm il-kwistjoni miftuħa għal xi tip ta' soluzzjoni fil-futur*'. Il-Kunsill qabel.

1.3. Fuq proposta tal-Kunsillier Agius kien hemm qbil li f'para. 4.5, il-kliem '*jieħu ħsieb*' għandhom jinbidlu għal '*responsabbli għat-tindif ta*'.

1.4. Il-Minuti ġew approvati u ffirmati mis-SE u s-Sindku.

1.5. Għall-mistoqsija tal-Kunsillier A. Grech dwar jekk kinitx intbagħtet ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Paul Xuereb ta' Hard Rocks, is-SE wieġeb fl-affermattiv.

1.6. Wara mistoqsija mill-Kunsillier Sciberras dwar para. 1.2, is-SE informa li kien diżappuntat mill-Perit tal-kuntrattur tat-traqqigħ maġġuri wara li kien ikkonferma li għamel l-irranġar meta ma kienx minnu. Is-SE informa li ħa ħsieb jikteb lill-avukat tal-Kunsill dwar dan u talbu direzzjoni. Is-Sindku ssuġġeriet li tintbagħat ittra lill-Perit tal-Kunsill biex jiġi infurmat li se jinżamm responsabbli għall-flus li ħallas il-Kunsill fuq xogħol li ma sarx tajjeb.

1.7. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi risposta mingħand is-sidien tal-ħwienet/każini rigward ir-reċipjenti għar-rimi tal-fdal tas-sigaretti. Is-SE informa li s'issa ma kienx hemm hemm kommunikazzjoni lura fir-rigward.

1.8. Għall-mistoqsija tal-Kunsilliera Miceli, is-SE informa li ma kien qed jistenna l-ebda kommunikazzjoni lura mingħand TCTC rigward para. 2.6.

1.9. Fir-rigward ta' para 2.5, il-Kunsillier Sciberras xtaq jippreċiża li s-sit propost minnu u nnutat fil-minuti bħala Vjal il-Labour huwa s-sit bejn Triq l-Awstralja u Triq il-Qalbiena Mostin. Huwa semma li kien ż-żewġ naħat tat-Telgħa t'Alla u Ommu.

1.10. Il-Kunsilliera Miceli fakkret lis-SE li kien hemm kanna msadda fuq nett tat-Telgħa t'Alla u Ommu li għalkemm ġiet irrapurtata baqgħet ma nġabritx. Is-SE informa li kienu marru l-ħaddiema sabiex jiġbruha iżda rriżulta li kienet twila wisq u għaldaqstant se titqatta' f'biċċiet aktar maniġġibbli qabel ma tintrema.

1.11. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa biex il-grawnd jibda jinfetaħ matul il-ġurnata minflok jibqa' bla użu. Ma kienx hemm oġġezzjoni u għaldaqstant se jibda jinfetaħ mid-9am 'l quddiem.

1.12. Il-Kunsilliera Miceli infurmat li l-iskola Giovanni Curmi qed tesprimi x-xewqa li jsir tisbiħ fiż-żona tal-iskejjel. Fost oħrajn xtaqu li jiġu installati numru ta' bins akbar milli hemm għaliex mhux qed ikunu biżżejjed għall-ammont ta' skart li jiġi ġenerat. Xtaqu wkoll li jsiru marki ta' bankina virtwali fit-triq għas-sigurtà tal-istudenti. Talbet ukoll li jintbagħat pulizija fuq bażi regolari minħabba li l-maġġorparti tal-ġenituri jwaqqfu fin-nofs biex iniżżlu t-tfal u joħolqu konfużjoni kbira.

1.13. Fuq talba tal-Kunsillier A. Grech kien hemm qbil li l-Kunsill jagħti permess lis-Soċjetà Mużikali Vittorja biex jorganizzaw *tournament* ta' ġurnata mingħajr ħlas fil-grawnd tal-*5-a-side*.

## 2. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

2.1. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet attendiet għal-laqgħa dwar iċ-ċelebrazzjonijiet tal-ħmistax-il sena mit-twaqqif tal-kunsilli lokali u li se jinżammu bejn it-3 u s-7 ta' Diċembru 2008. Hija tat rendikont tal-attivitajiet kollha li se jiġu ċċelebrati. Fost oħrajn, kien hemm qbil li l-Kunsillier Gatt għandu jorganizza grupp ta' residenti sabiex jagħtu d-demm bħala parti mill-attivitajiet li se jinżammu. Barra minn hekk, il-Kunsill se jitlob l-għajnuna tal-iscouts tan-Naxxar sabiex jipprovdi persuna biex iġġorr l-istandard tan-Naxxar waqt mixja li se ssir bejn il-Furjana u l-Belt u li għaliha kienu mistennija jattendu kemm il-Kunsilliera kif ukoll l-amministrazzjoni tal-kunsilli varji.

2.2. Il-Viċi Sindku infurmat li kienet iffurmat sottokumitat biex jieħu ħsieb il-Wirja tal-Arti, Delizzji u Snajja u li kien ħadem tajjeb ħafna. Fuq talba tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li s-Sinjura Josephine Hili tingħata *Top-Up Card* ta' €10 bħala rimburs għall-ispejjeż tat-telefon li hija għamlet biex tikkuntattja lil madwar ħamsin parteċipant mid-dar tagħha. Hija faħħret il-ħidma tas-Sinjura Hili li għenet biex il-wirja tkun suċċess.

2.3. Il-Viċi-Sindku ħadet l-opportunità tirrimarka n-nuqqas ta' attendenza tal-Kunsillieri għall-wirja.

2.4. Is-SE informa li ż-żjara li kienet approvata mill-Kunsill għal Mornago fil-Lombardija aktarx li ssir fil-bidu ta' Diċembru. Hawnhekk il-Kunsilliera Miceli infurmat li hi kienet se tattendi għal konferenza f'Milan għall-aħħar ta' Novembru bħala kap tal-iskola u setgħet ukoll tirrappreżenta lill-Kunsill kemm-il darba ma jkunx hemm oġġezzjoni. Dan sabiex tkun tista' tagħmel arranġamenti biex jintbagħtu żewġ studenti Naxxarin biex jipparteċipaw f'Jum l-Ewropa 2009 nhar id-9 ta' Mejju. Il-Kunsill qabel.

## 3. ĦLAS TA' KONTIJIET

3.1. Is-SE informa li l-lista ma ġietx ippreżentata għaliex ma laħqitx saret. Il-Kunsill qabel li fejn hemm kontijiet mingħajr problemi u li huma ta' rutina, għandhom jitħallsu u jingħata rendikont fil-laqgħa li jmiss.

3.2. Il-Kunsill approva li l-Viċi Sindku tingħata lura €48 li kienet ħalset biex tattendi għall-konferenza *Fight Against Poverty* f'isem il-Kunsill.

## 4. IS-SITWAZZJONI DWAR IL-KAŻ TAD-DEPOŻITI

4.1. Is-SE ta l-informazzjoni dwar kif ġrat il-kwistjoni tan-nuqqas ta' depożitu fil-ħin mis-Sur Muscat u informa li l-flus mgħoddija mis-Sur Muscat lill-Ispettur, li jkopru l-perijodu ta' Ġunju/Lulju kienu ġew depożitati l-Bank minnu (is-SE) personalment. Huwa qal iżda li kien se jkompli jagħmel l-investigazzjonijiet sa mill-bidu tas-sena finanzjarja.

4.2. Is-SE kien għadda wkoll dettalji bil-miktub lill-Kunsillieri kollha flimkien ma' rakkomandazzjonijiet kif jista' jkun hemm kontrolli akbar (anness f'A). Għaldaqstant il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tas-SE, li jingħata servizz lill-*Group 4 Securicor* sabiex jibdew jiġbru l-flus tal-ġurnata. Dan skond arranġament li kien sar bejn din il-kumpanija u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

4.3. Il-Kunsill qabel ukoll mar-rakkomandazzjoni tas-SE biex terġa' tibda d-diskussjoni mal-kumpanija Cyberspace li kienet lesta li taħdem fuq programm (Cybertracker) għall-permessi u dħulijiet oħra filwaqt li jsiru arranġamenti wkoll għall-*website* tal-Kunsill kif ukoll għall-*webmail*.

4.4. Is-SE hawnhekk informa li huwa jħoss li s-Sinjura Johanna Caruana, li tagħmel ix-xogħol tal-*accounts* tal-Kunsill kellha tinduna minn kmieni b'dawn in-nuqqasijiet u tiġbidlu l-attenzjoni fil-ħin. Dan għaliex hija suppost li kellha tagħmel ir-rikonċiljazzjonijiet bankarji ħafna aktar qabel. Għalkemm hija stess kienet infurmat lis-SE li mhux beħsiebha ġġedded il-kuntratt tagħha, il-Kunsill qabel li jtemm il-kuntratt tagħha immedjatament mingħajr ma jħallas l-aħħar kont.

## 5. IMPJIEG TA' SKRIVAN ĠDID

5.1. Wara dak li seħħ fil-ġranet preċedenti, u wara r-riżenja tas-Sur George Muscat, kien hemm qbil li għandu jinbeda l-proċess biex jiġi impjegat skrivan ġdid. Kien hemm qbil ukoll li, jekk id-Dipartiment japprova, għandu jiġi impjegat ukoll skrivan temporanju sakemm ikun konkluż il-proċess tal-impjieg.

## 6. RAPPORTI FINANZJARJI TA' KULL KWART

6.1. Għalkemm is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji tal-perijodi April-Ġunju u Lulju-Settembru, kif kienu għadhom kemm għaddew lilu mingħand is-Sinjura Johanna Caruana, huwa ġibed l-attenzjoni li kien jidher li hemm xi nuqqasijiet u li aktarx ir-rapporti ma kinux qed jirriflettu r-realtà vera minħabba li jidher li kien hemm figuri li kellhom jiġu eliminati għaliex dawn suppost li ġew maħsuba u inkluż fir-rapport finanzjarju annwali.

6.2. Hawnhekk il-Kunsillier Sciberras staqsa lis-SE f'liema punt kienet waslet it-tħejjija tal-proġett ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Is-SE infurmah li kien għadda kollox lill-Inġinier u li dik il-ġimgħa kienet se tiddaħħal l-applikazzjoni ta' żvilupp il-MEPA. Hawnhekk il-Kunsillier Sciberras wera d-diżappunt tiegħu għad-dewmien li kien hemm mill-Inġinier u l-Perit fil-fażi preparatorja biex ġiet iffinalizzata din l-applikazzjoni.

6.3. Hawnhekk is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li l-proġett jiswa ħafna aktar milli jista' jibbaġittja l-Kunsill u talabhom jivverifikaw dan fuq il-baġitt tal-Kunsill. Huwa fakkar ukoll li dan mhux l-uniku proġett li għandu maħsub il-Kunsill.

6.4. Hawnhekk il-Viċi Sindku infurmat li semgħet li se jkun hemm inċentiv, simili għal dak li kien hemm għar-restawr tal-galleriji antiki Maltin, biex jiġu rranġati u restawrati faċċata ta' residenzi antiki fil-qalba tar-raħal.

6.5. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kemm finanzjarjament kif ukoll mil-lat ta' riżorsi umani, mhux possibli għall-Kunsill li jibda aktar minn proġett wieħed fl-istess waqt u għaldaqstant talab li l-Kunsill jagħżel skond il-prijorità. Hawnhekk bdew jiġu diskussi l-proġetti li għandu f'moħħu l-Kunsill għas-sena finanzjarja preżenti u li kienu jinkludu l-ħolqien ta' żona rikreattiva f'Baħar iċ-Ċagħaq, il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Triq il-Kbira u Triq Castro, il-kostruzzjoni tal-ġnien ta' Triq Sir Harry Luke u t-tisbieħ ta' żona fi Triq in-Naħal u t-tibdil tat-*traffic island* fi Triq Victor Scerri.

6.6. Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jitlob għajnuna finanzjarja lill-Awtorità tat-Turiżmu (MTA) fir-rigward tal-proġett ta' Baħar iċ-Ċagħaq minħabba li skop importanti warajh kien li se jgħaqqad il-kommunità ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Huwa qal ukoll li possibilment hemm xi fondi tal-Gvern Ċentrali għal proġetti kbar u li kien possibli għall-Kunsill li japplika għalihom.

6.7. Hawnhekk is-Sindku infurmat li dalwaqt se jkollha laqgħa mal-Onorevoli Dott. Chris Said fejn se titlob l-għajnuna tiegħu sabiex jingħata bidu għal dawn il-proġetti l-kbar.

6.8. Is-SE talab lill-Kunsill jikkonsidra l-importanza li jagħmel il-prijoritajiet tiegħu fir-rigward ta' dawn il-proġetti biex ikun aktar iffukat. Huwa sostna li dan għandu jsir skond il-viżjoni tal-Kunsill għall-futur u mhux jitratta kull proġett f'iżolament.

## 7. ATTIVITAJIET GĦALL-MILIED

7.1. Il-Kunsill laqa' l-proposta tas-Sindku biex minflok jinxtara r-rigal żgħir għall-anzjani, din is-sena tiġi organizzata ikla għall-anzjani kollha tal-lokalità. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Noel Gatt kien hemm qbil li l-anzjani li jkunu eliġibbli biex jattendu għal din l-ikla għandhom ikunu l-anzjani kollha tad-Dar Familja Mqaddsa, dawk kollha li huma rreġistrati fiċ-Ċentru għall-Matul il-Jum tal-Anzjani u dawk kollha li għandhom 'il fuq minn 65 sena. Wara diskussjoni, u fuq suġġeriment tal-Kunsilliera Miceli, kien hemm qbil li għandu jkun hemm ħlas nominali ta' €3 kull persuna ħlief l-anzjani tad-Dar Familja Mqaddsa.

7.2. Kien hemm qbil li s-Sindku għandha tkellem lid-Direttur tad-Dar Familja Mqaddsa biex, kemm-il darba jaqbel li tintuża l-kċina u l-kamra tal-pranzu tagħhom, tiġi ffissata data bil-quddiem.

## 8. XOGĦLIJIET TA' BANKINI

8.1. Kien hemm qbil li timtela bil-konkos żona ġdida diġà mdawwra bil-kurduna fi Triq Santa Marija. Din għandha tinkludi wkoll żewġ konok biex jitħawwlu s-siġar.

8.2. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir kostruzzjoni ta' bankina ġdida fi Trejqet il-Ħuġġieġa.

8.3. Hawnhekk il-Kunsillier Sciberras skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien il-11:10pm.

8.4. Is-SE informa li fi Triq Ħal Dgħejf kienet saret bankina ġdida fuq naħa waħda iżda jidher li hemm problema quddiem numru ta' garaxxijiet fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Dan għaliex dawn il-garaxxijiet kellhom *basement* fil-parapett tagħhom u għaldaqstant il-bankina ma setgħetx titbaxxa biex tiġi inkluża rampa. Kien hemm qbil li f'din il-parti tat-triq m'għandiex issir rikostruzzjoni tal-bankina sabiex ma jinħolqux problemi.

## 9. IL-PROĠETT TA' TRIQ SIR HARRY LUKE

9.1. Is-SE ippreżenta kopja ta' disinn tal-perit għall-proġett tal-ġnien fi Triq Sir H. Luke. Huwa informa li d-disinn sar b'mod li l-Kunsill ikun jista' jwettaq f'fażijiet sakemm jimxi mal-pjanti. Il-Kunsill aċċetta d-disinn propost.

## 10. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA

10.1. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fil-11:20pm.

*(iffirmati)*

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

*(iffirmati)*

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

# A

7 ta' Novembru, 2008

Lis-Sindku u l-Kunsillieri,

Sinjuri,

***L-AĦĦAR ŻVILUPPI BIL-KAŻ TA' GEORGE MUSCAT***

Wara l-informazzjoni li għaddejtilkom f'dawn l-aħħar ġranet ħassejt li jkun floku li wieħed jevalwa s-sistemi ħalli, filwaqt li naraw fejn għandna dgħajjef, intejbuhom biex nagħlqu kemm jista' jkun bibieb għall-abbuż jew anki għall-iżbalji.

Sa mill-aħħar *warning* li tajt lill-George fit-2 ta' Settembru li għadda diġà ħadt miżuri ġodda ta' kontrolli fir-rigward ta' meta jiġu depożitati l-flus. S'issa, għalkemm ovvjament b'xogħol addizzjonali, nista' ngħid li qed taħdem tajjeb. Madanakollu xorta waħda jibqa' problemi li bis-sistema preżenti ftit li xejn jista' jkollna kontrolli effettivi. Tnejn partikulari huma l-kontrolli fuq jekk ikunx sar id-depożitu l-bank immedjatament u fuq id-dħul ta' flejjes għall-Kunsill.

**<u>Kontrolli fuq id-depożitu fil-Bank:</u>**

Bis-sistema preżenti uffiċċjal imur il-bank u jiddepożita l-borża uffiċjali tal-bank, li fiha jkun hemm il-flus u d-dokumenti kollha, fin-*night safe deposit box*. S'issa ma jidher li m'hemm l-ebda mod kif naċċertaw li l-uffiċċjal ikun mar jiddepożita jew jekk tefax il-borża propja.

L-aħjar soluzzjoni li nista' nara f'dan l-istadju hija li l-Kunsill iqabbad aġenzija tas-sigurtà li jiġbru l-flus huma mill-uffiċċju tal-Kunsill. Din is-sistema taħdem billi l-aġenzija stess tipprovdi boroż trasparenti innumerati, jintefgħu fiha l-enveloppi bil-flus u d-dokumenti u jħalli karta ffirmata li jkun ġabar il-flus. Naturalment huwa xorta waħda ma jkunx jaf x'hemm fl-enveloppi iżda, billi wieħed iżomm kopja tal-borża ssiġillata bil-kontenut fiha, wieħed jista' jgħid xi jkun ta lill-aġenzija u, jekk jinstab li jkun hemm inqas flus, allura wieħed jara jekk ikunx żball tal-uffiċċjal.

Din is-sistema diġà taħdem f'Kunsilli oħra wara arranġament li kien sar mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mal-Group 4. Il-prezz huwa ta' €7.56 kull kollezzjoni filwaqt li nemmen li s-servizz għandu jingħata kuljum. Jekk il-Kunsill jagħżel servizz inqas frekwenti jkolli nitlob li jkun installat *safe*. Madanakollu, kemm minħabba l-ispiża ta' *safe* u anki minħabba s-sigurtà tal-uffiċjali tal-Kunsill nirrakkomanda li s-servizz jingħata kuljum.

**<u>Kontrolli fuq id-dħul ta' flejjes:</u>**

Bis-sistema preżenti kull dħul li jkollna, irrispettivament jekk ikunx għall-Kunsill jew le, jiddaħħal fuq *spreadsheet* fil-kompjuter. Għal kull dħul li huwa dovut lill-Kunsill tinħareġ irċevuta uffiċjali tal-Kunsill. Madanakollu l-i*spreadsheet* innifisha tista' tkun immodifikata mingħajr kontroll ta' xejn. Apparti dan, m'hemm l-ebda mod kif wieħed ikun jaf min immodifika l-i*spreadsheet* f'liema ħin u f'liema jum. Dan apparti li wieħed jista' ma jkunx jaf liema hi l-irċevuta uffiċjali.

Jekk tiftakru tajjeb ftit tal-ġimgħat ilu kont diġà rrakkomandajt sistema kompjuterizzata iffukata fuq il-ħruġ tal-permessi li iżda kienet tinkorpora fiha dħul finanzjarju ieħor. Intenni li din il-problema tista' tkun solvuta billi tkun installata din is-sistema jew oħra simili.

Napprezz jekk dawn il-proposti jkunu kkunsidrati favorevolment.

**Paul Gatt**
Segretarju Eżekuttiv